MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 115/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Farrugia talli fit 2 ta' Jannar 2003, ghall-habta tal-10.00 a.m. gewwa ghalqa li tinsab f'Has-Saptan, limiti ta' Hal-Far, bla hsieb li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, ibblokkja passagg b'katina u katnazz li jinsab fl-istess post u dan ghad-dannu ta' Grezzju u Mario Farrugia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmelo Farrugia

hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur u ordnatlu li jnehhi l-katnazz ghax-xatba indikata fl-imputazzjoni u jghaddi liz-zewg imputati [**recte:** hutu] cavetta tal-katnazz jew kwalunkwe sokor iehor ta' l-istess xatba u dana fi zmien tliet gimghat mid-data tas-sentenza b'ammenda ta' Lm2 kuljum fin - nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmelo Farrugia pprezentat fid-19 ta' April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi tirrevokaha u thassarha u ssibu mhux hati kif akkuzat u tilliberah mill-imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament aggravju wiehed li jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha. Skond l-appellant l-imputazzjoni li ngabet kontra tieghu hija wahda ghal kollox iffabbrikata minn hutu peress illi r-raba' f'Has-Saptan ilha mikrija lill-appellant biss sa mill-1981 u ghalhekk huwa ma ghamilx xi haga biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu u hutu qatt ma gawdew l-ebda dritt fuq dan ir-raba'.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma brevement is-segwenti: L-appellant u hutu Grezzju u Mario Farrugia flimkien ma' certu Pawlu Seychell kienu hadu minghand il-Gvern xi raba' f'Hal-Far kif ukoll ghalqa f'Has-Saptan fl-1981. Skond  Grezzju u Mario Farrugia, l-ewwel sentejn hadmu l-art f'Has-Saptan ma' huhom, l-appellant.  Qalu li l-appellant imbaghad kien qabad u dawwarha fuq ismu minghajr ma qallhom izda hu ssuggerixxa li jnaqqas il-kobor tar-raba' ta' Has-Saptan mis-sehem li seta' jkollu minn ta' Hal-Far biex effettivament it-tliet ahwa jkollhom sittax-il tomna kull wiehed. Huma accettaw u mill-1983 ir-raba' ta' Has-Saptan baqa' f'idejn l-appellant. Il-bieba bil-katina u katnazz ghamilhom l-appellant dawk iz-zminijiet

jew forsi xi tliet snin wara. Skond Mario Farrugia l-appellant illum ghandu b'kollox 25 tomna filwaqt li hu u Grezzju ghandhom hdax-il tomna kull wiehed meta suppost kienu ftehmu li jkollhom sittax-il tomna kull wiehed.

L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ftehim li kienu ghamlu l-appellant u hutu u qalet hekk a propozitu:

"Illi wiehed mill-aqwa kontestazzjonijiet li hemm bejn l-ahwa huwa precizament il-fatt illi minkejja li l-ahwa Grezzju u Mario zammew il-parti taghhom tal-ftehim originali bejn l-ahwa kollha Farrugia dwar kif ser tinhadem l-art ta' Has-Saptan, l-imputat Carmelo Farrugia ma zammx il-parti tal-ftehim tieghu billi jcedi art ekwivalenti fl-area tar-raba maghrufa bhala Tal-Papa f'Hal-Far.
…
Din il-Qorti tifhem illi gialadarba il-ftehim originali ma sehhx ma jistax isehh biss parti mill-ftehim."

Bid-dovut rigward, din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni fil-bran appena citat. Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-elementi:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att

materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Dawn l-elementi jridu jikkonkorru kollha. Din il-Qorti tara li l-ewwel element – li effettivament jirrispekkja l-kliem ta' l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali **"… jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta hwejjgu … jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor …"** – hu karenti. Meta Grezzju u Mario Farrugia ftehmu ma' l-appellant li huwa jzomm ir-raba' ta' Has-Saptan u din is-sitwazzjoni pperdurat effettivament ghal madwar ghoxrin sena qabel ma ddecidew li jaghmlu r-rapport li ta lok ghal dawn il-proceduri, dawn tilfu l-godiment ta' dak ir-raba'. Konsegwentement huwa nieqes dan l-ewwel element tar-reat ta' *ragion fattasi*. Barra minn hekk l-imputazzjoni hi ta' reat allegatament kommess fit-2 ta' Jannar 2003 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. Mix-xiehda stess ta' Grezzju Farrugia jirrizulta li dak li ghamel l-appellant ghamlu bosta snin ilu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellate u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996